MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 143/2006

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Gunju 2002, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, D u E, li twieldu rispettivament fis-26 ta' Awissu 2002 u fit-13 ta' Ottubru 2003; li l-hajja konjugali saret impossibbli peress li l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u hadet maghha lit-tfal minuri, kif ukoll l-effetti mobbli li kienu jinstabu fid-dar matrimonjali, flimkien ma' proprjeta' parafernali ta' l-attur; li l-hajja konjugali giet reza mpossibbli wkoll minhabba r-ragunijiet kontemplati fl-

artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta attribwibbli lill-attrici, u li ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attur gie debitament awtorizzat biex jaghmel din il-kawza; li l-attur ilu jiccahhad abbuzivament mill-konvenuta milli jara lil uliedu ghal dan l-ahhar xahar; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija tal-konvenuta fit-termini ta' l-artikolu precitat; [2] [3] u [4] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjha; [5] li tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri lill-attur, bi dritt ta' access favur il-konvenuta; [6] tordna li l-konvenuta thallas lill-attur retta aliminetarja ghalih u ghal uliedhom minuri; [7] tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 ta' l-imsemmi Kap. fil-konfront tal-konvenuta; bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet [1] li, filwaqt li hi taqabel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda it-tort huwa unikament attribwibbli lill-attur; [2] li hi taqbel max-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, izda l-ispejjez relatati mat-tielet u mar-raba' talba ta' l-attur ghandhom jigu sopportati mill-istess attur, stante li l-assi diga' nqassmu bejniethom ghas-sodisfazzjon tat-tnejn; [3] li l-hames talba ghandha tigi respinta, stante li t-tfal minuri "huma effettivament taht il-kura u kustodja [taghha], u li r-rikorrent ilu ma jaghmel kuntatt ma' uliedu mill-10 ta' Marzu 2006. Illi [il-konvenuta] hija f' pozizzjoni li tiehu hsieb ahjar mir-rikorrenti l-ezigenzi tal-minuri."; [4] li s-sitt talba ghandha tigi respinta, stante li hi m'ghandhiex impieg fiss; [5] li s-seba talba ghandha tigi respinta stante li huwa l-attur l-persuna unikament hatja tas-separazzjoni;

Rat il-kontrotalba prezentata mill-konvenuta rikonvenzjonanti u li tinsab inserita fil-process a fols.18 u 19, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [appendici A];

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-attur rikonvenzjonat, li tinsab inserita fil-process a fols.22 u 23, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [appendici B];

Rat il-verbal maghmul mill-partijiet fl-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2006 [fol.20] li permezz tieghu l-partjiet iddikjaraw li hemm qbil fuq it-talbiet numri tnejn [2] tlieta [3] u erba [4] ta’ l-azzjoni, u numru hamsa [5] tal-kontrotalba, relatati mal-qsim ta’ l-assi tal-komunjoni; sar qbil ukoll dwar il-manteniment provvizorju ghal ulied u dwar l-access favur l-attur; u gie dikjarat ukoll li l-vertenzi principali f’ din il-kawza tirrivolvi dwar il-kura u kustodja, u l-manteniment taz-zewg ulied;

Rat ir-rapport prezentat mill-Avukat tat-Tfal, l-Avukatessa Dottor Tatiane Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni – Kontrotalba**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna, u tal-kontrotalba, il-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali peress li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment. Iz-zewg partijiet jattribwixxu t-tort lil xulxin reciprokament fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16

**Separazzjoni Personali**
Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li l-provi f’din il-kawza huma skarsi ghall-ahhar. L-attur, ghalkemm kellu l-opportunita’ ampja biex iressaq il-provi tieghu, ma pprezentax l-affidavit tieghu, u lanqas xehed *viva voce*, imma strah biss fuq l-allegazzjonijiet generali maghmula minnu fir-rikors guramentat promotur u fin-nota guramentata; filwaqt li l-konvenuta prezentat affidavit, u xehdet fuqu in kontroezami.

Illi l-attur jakkuza lill-konvenuta li din telqet mid-dar konjugali u hadet it-tfal maghha, u cahditu milli jara lit-tfal ghal tmien gimghat.

Min-naha taghha l-konvenuta tghid li l-attur kien telaq ghal xi xhur ftit wara t-twelid tat-tieni tarbija, u fi Frar 2005 rega' telaq u ghal tmien xhur shah ma kienx ghamel kuntatt maghha, u halliha tfendi ghar-rasha bit-tfal minghajr ghajnuna finanzjarja. Hi ssostni li kif rat hekk, telqet mid-dar u marret tghix ghand ommha.

Illi mill-provi jidher li wara t-twelid tat-tieni tarbija beda jinqala' l-inkwiet bejn il-partijiet, bir-rizultat li t-tnejn li huma telqu mid-dar konjugali u marru jghixu ghand il-genituri rispettiv taghhom. L-attur jilmenta li l-konvenuta cahditu mill-access tat-tfal, filwaqt li l-konvenuta tilmenta li l-attur halliha minghajr ghajnuna finanzjarja.

Illi mill-provi ma rrizultax b'mod car x'kien l-inkwiet principali li wassal liz-zewg partijiet jitilqu mid-dar konjugali, u l-konvivenza matrimonjali beniethom tintemm. Il-konvenuta tispjega li mhux l-ewwel darba, matul il-konvivenza matrimonjali, li l-attur telaq mid-dar konjugali ghal xi ftit jum, u halliha waheda bit-tfal, min-naha l-ohra ma specifikatx fuq xhiex kien ikun l-inkwiet. Fl-affidavit tghid li hi ghadha sal-lum ma tafx ir-ragini ghaliex l-attur telaq mid-dar konjugali.

Illi l-Qorti thoss li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenuta.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-provi, il-Qorti hi tal-fehema li l-imgieba ripetuta ta' l-attur li jaqbad u jitlaq mid-dar konjugali u jhalli lill-konvenuta tfendi ghar-rasha minghajr ghajnuna finanzjarja, b'zewg t'itfal minuri, jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-kapitlu precitat, kemm fil-konfront ta' martu kif ukoll fil-konfront ta' uliedu.

Illi minn naha tal-konvenuta, il-Qorti, fin-nuqqas tal-verzjoni da parti ta' l-attur dwar l-imgieba tieghu, partikolarment in-nuqqas tieghu li jaghti raguni gustifikata ghal din l-imgieba, tosserva li ma rrizultax li din ghandha xi htija ghas-sepazzjoni;

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort unikament ta' l-attur.

**Kura u Kustodja**

Illi f' dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehema li f'dan il-kaz jirrizulta b' mod car u manifest li l-interessi tat-tfal minuri jiddettaw li dawn jibqghu jghixu ma' l-omm, li ilha tiehu hsiebhom minn mindu twieldu, b'access favur il-missier.

Illi, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ma taqblix li l-kura u kustodja ghandha tkun wahda konguntа; izda decizjonijiet important dwar is-sahha tal-minuri u l-edukazzjoni taghhom ghandhom jittiehdu konguntivament.

Ghalhekk il-Qorti qed tafda l-kura u kustodja eskluziva tat-tfal minuri lill-konvenuta, b' access favur il-missier kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis saghtjen kull darba, u nhar ta' Sibt jew Hadd b'mod alternat mid-9.00 am sal-5.00 pm; inolte, darba kull hmistax it-tfal jorqdu mal-missier u l-access allura jkun, mill-Gimgha 6.00 pm sas-Sibt 5.00pm, u alternattivament, mis-Sibt 6.00 pm sal-Hadd 5.00 pm.

Inoltre, fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena, l-access ikun hekk, b'mod alternat: mill-10.00 am 24 ta' Dicembru 2006 sal-10.00 am 24 ta' Dicembru 2006, li jalternaw fl-Ewwel tas-sena, u jalternaw ukoll kull sena.

**Manteniment**

Illi l-attur bhala l-parti hatja ghas-separazzjoni personali ghandhu jhallas manteniment lill-konvenuta; izda *rebus sic stantibus*, stante li din tahdem bi qligh u ghandha ntrojtu, u wkoll tenut kont ta' l-eta' taghha u l-potenzjal taghha li tahdem, mhux qed jigi komputat il-*quantum* f'dan il-gudizzju. Inoltre, jidher mill-verbal tal-konvenuta registrat fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2007 "l-uniku vertenza li fadal bejn il-partijiet hija l-kwistjoni tal-manteniment ghat-tfal." [fol.58], u ghalhekk fil-prezent ma jidhirx li l-konvenuta ghadha qed tinsisti fuq manteniment ghaliha.

Ghalhekk din il-Qorti *rebus sic stantibus*, filwaqt li tafferma d-dritt tal-konvenuta li titlob manteniment minghand l-attur fil-kaz li ma jkollhiex introjtu adegwat, tastjeni milli tiffissa retta alimentarja ghaliha.

Illi rigward il-manteniment ghaz-zewg ulied minuri li llum ghandhom seba [7] u sitt [6] snin circa, il-Qorti tosserva li permezz ta' digriet moghti fl-10 ta' Jannar 2008 [fol.72] l-attur gie ordnat li pendent lite jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €279.52 [LM120] fix-xahar ghaz-zewg minuri, liema ammont jinkludi l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni tal-minuri, u li ghandu jigi dedott direttament mis-salarju mensili ta' l-attur u jintbghat lill-konvenuta, fil-kont bankarju numru 15306209011 fil-Bank of Valletta [fol.75].

Illi dwar l-introjtu ta' l-attur, il-provi huma skarsi, u l-unika prova fl-atti hija l-FS3 tas-snin 2005 u 2006 li juru li kien hemm awment fil-paga fis-sena 2006 ghal LM6,034.420.

Illi l-Qorti, tenut kont tal-fatt li f'dawn l-ahhar erba' snin zgur li kien hemm awment fil-paga ta' l-attur, u wkoll tenut kont tal-fatt li htigijiet tal-minuri, li llum ghandha seba' [7] u sitt [6] rispettivament, zdiedu, tikkunsidera li manteniment gust jkun fl-ammont ta' €163 [ekwivalenti ghal LM70] fix-xahar, ghal kull wild minuri, liema ammont jinkludi kemm l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll spejjez ta' natura ordinarja relatati mas-sahha tal-minuri; [spejjez ta' *braces* ghas-snin u ta' nuccalijiet qed jigu meqjusa bhala spejjez medici straordinarji].

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-attur jhallas lill-attrici din ir-retta alimentarja stabbilita' fil-paragrafu precedent, sakemm it-tfal jsiru maggjorenni, jew jibdew jahdmu bi qligh adegwat; dan il-manteniment, li jinkludi l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni u sahha tal-minuri kif fuq stabbilit, ghandu jigi mnaqqas direttament mill-paga ta' l-attur u depozitat direttament fil-kont bankarju fuq indikat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet htija ta' l-attur;
[2] tilqa' t-tieni talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' talba, stante ftehim bejn il-partijiet;
[3] tichad il-hames talba;
[4] tichad is-sitt talba;
[5] tichad is-seba' talba;

Tiddeciedi dwar il-kontrotalba billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fit-termini taghha;
[2] tilqa' t-tieni talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja.';
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament, u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tichad ir-raba' talba;
[5] tilqa' l-hames talba, limitatament u fis-sens gja fuq deciz;
[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante ftehim bejn il-partijiet;
[7] tilqa' s-seba' talba.

L-ispejjez kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontrotalba ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------